MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-28 ta' Gunju, 2012

Citazzjoni Numru. 354/2011

Kawza fil-lista: 52

**P B**
**vs**
**F G**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet: li l-partijiet izzewwgu fl-1 ta' Gunju 1990, li l-kunsens matrimonjali tal-partijiet kien vizzjat fit-termini tal-paragrafu [d] ta' l-artikolu 19[1] tal-Kap.255 tal-Ligijiet ta' Malta; li ghalhekk iz-zwieg huwa null fil-ligi; ghalhekk qed titlob li din il-Qorti tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet, kif ukoll li tigi awtorizzata tirregistra s-sentenza fir-Registru Pubbliku; bl-ispejjez;

Rat li l-konvenut baqa' kontumaci;

Rat ir-rikors tal-konvenut fejn ddikjara li kien hemm ragunijiet sufficjenti ghall-gustifikazzjoni tal-kontumacja tieghu, u ghalhekk talab sabiex jigi awtorizzat jipprezenta r-risposta guramentata tieghu;

Rat r-risposta ta' l-attrici fejn qeghda topponi t-talba tal-konvenut stante li ma ngabitx raguni bizzejjed sabiex tiggustifika l-kontumacja tal-konvenut;

Semghet ix-xhud bil-gurament;

Ikkunsidrat;

Illi dan il-gudizzju huwa limitat ghall-kontumacja tal-konvenut.

**Il-Fatti**

Il-konvenut issostni li minkejja li fuq il-karta ta' l-identita` huwa registrat li jghix fl-indirizz t'ommu, minhabba dizgwid li kellhom, huwa kien gie mkecci u ghalhekk qieghed jghix go kamra minghajr dawl u ilma. Illi l-korrispondenza u anke l-atti ta' dina l-kawza rciviehom fl-indirizz t'ommu li konsegwentement tathomlu tard.

Inoltre, il-konvenut ma jafx jaqra hafna u talab lil certu Leli Cassar li huwa r-ragel t'ohtu sabiex jaqralu ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici bdiet dawn il-proceduri. Illi f'dan l-istadju t-terminu ta' l-20 gurnata kien diga` skada.

Illi gimgha wara li sar jaf b'dan, il-konvenut mar ghand avukat sabiex jikkonsulta dwar l-att fuq insemmi Inoltre, il-konvenut kien prezenti ghall-ewwel udjenza ta' dina l-kawza.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi l-Qorti tosserva li "*Sa minn dejjem, il-Qrati taghna qiesu li jaghmlu differenza bejn il-kontumacja ta' tort u dik gustifikabbli. Huma ssoktaw b'din il-linja wkoll sa zminijiet ricenti u ddistingwew bejn il-konvenut li juri disinteress assolut u l-iehor li juri kull fehma li jikkontesta l-kawza u li*

*ma lahaqx ghamel dan ghal raguni li ma kienx jahti ghaliha; il-kolpa tikkonsisti fl-omissjoni tal-konvenut li, in konformita' mad-doveri imposti mil-ligi, jonqos li jaghmel l-arrangamenti necessarji, fid-dar u fil-post tax-xoghol, biex jaslu ghandu l-ittri registrati li jaslulu, jew meta jaghmel dawk l-arrangamenti imbaghad jonqos li jsir jaf b'dak li suppost ikun jaf. . . . Il-kazijiet fejn ikun hemm nuqqasijiet pruvati tat-terzi persuni li jircievu l-atti bil-posta, jitolbu konsiderazzjoni ohra, u li jridu jigu risoluti skond il-konkretezza ta' kull kaz*."[1] Ghalhekk mix-xhieda tal-konvenut jidher manifest li l-intenzjoni tieghu ma kienet bl-ebda mod ta' disprezz lejn l-awtorita` tal-Qorti jew b'xi mod volontarja.

Inoltre, tkompli billi tosserva l-punti ndikati fil-kawza **Computer Evolution Centre Ltd Vs Schembri Godwin**:-
"*1. Il-kontumacja ma tistax tigi gustifikata jekk kienet volontarja;*
*2. Anqas tista' tigi skuzata jekk almenu kolpuza;*
*3. Biex ikun hemm lok ghal gustifikazzjoni hemm bzonn li tigi pruvata kawza gusta;*
*4. Din il-kawza gusta ghandha tkun tikkonsisti f'impediment legittimu;*
*5. L-impediment biex ikun legittimu ghandu jkun indipendenti mill-volonta tal-kontumaci;*
*6. L-izball mhux impediment legittimu jkun ma jkunx invincibbli;*"[2]
F'dan ir-rigward il-Qorti tikkonsidera li tenut kont tac-cirkostanzi tal-konvenut hekk kif imsemmija aktar ` il fuq ma tistax issib l-ebda minn dawn il-punti li japplikaw f'dan il-kaz, izda tqies li r-ragunijiet pprezentati huma gustifkati.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehema li t-talba tal-konvenut F G hija fondata fil-fatt u fid-dritt u timmerita li tigi milqugha.

**Decide**

---

[1] Miceli Helen Sive Nellie Et Vs Pisani Carmelo Sive Charles – 28 t'Ottubru 2004, Prim' Awla tal-Qorti Civili. Cit. Nru 1761/01
[2] Computer Evolution Centre Ltd Vs Schembri Godwin – 25 ta' Marzu 2004, Prim'Awla tal-Qorti Civili. Cit. Nru 1328/03

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa’ t-talba tal-konvenut, u tawtorizzah sabiex jipprezenta risposta fi zmien 20 jum.

L-ispejjez rizervati.

Tordna l-prosegwiment tal-kawza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------